MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Numru 1142/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**VS**
**TYRONE FAVA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Tyrone Fava ta' 27 sena iben Daniel u Pauline xebba Falzon imwieled Pieta' nhar 8 ta' Novembru 1981, residenti gewwa Flat 43, Qasam ta' Ganza, Blokk D, Zejtun u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 611781(M).

Illi huwa akkuzat talli fis-26 ta' Ottubru 2009, gewwa *ommissis*:

1. b'eghmil zieni, kkorrompa lil *Ommissis A* u *Ommissis B* minorenni ta' *ommissis*-il sena u *ommissis* snin rispettivament;

2. eccita, ghen jew iffacilita’ l-korruzzjoni ta’ l-istess imsemmija minorenni ta’ taht l-eta’ cioe *Ommissis A* u *Ommissis B*;
3. offenda il-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku;
4. kellu fil-pussess tieghu arma regolari li taqta’ u bil-ponta minghajr il-Licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew xi Awtorita’ Kompetenti;

Illi huwa akkuzat ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, mill-25 ta’ Ottubru 2009, u fix-xhur precedenti, meta b’diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

5. gab ruhu b’tali mod li ta fastidju lil persuna *Ommissis C* u xi persuni ohra u b’mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta fastidju ghal persuna msemmija u/jew persuni ohra;
6. offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku;

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412 (C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni ai termini ta’ l-Artikolu 412 (C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jirrfekwentaw;

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuni nvoluti u l-familja taghhom ai termini ta’ l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 16 ta' Frar 2010 (a fol.94 );

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (fol.109) taht liema Artikoli din il- Qorti  tista ssib htija fl- imputat;

Rat il-verbal datat 6 ta' Mejju, 2010 (fol.110) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda komportament indecenti da parti ta' l-imputat f'diversi okkazzjonijiet separati, fejn espona l-parti privata tieghu u beda jimmasturba fil-pubbliku u dana fil-prezenza ta' mara mizzewga u quddiem tifla akkompanjata minn ommha u tfajla ohra.

Il-Qorti semghet ix-xhieda dettaljatha ta' Dr. Mark Xuereb M.D. u r-rapport dettaljat tieghu Dok.MX fejn jidher illi l-imputat gie kklassifikat bhala persuna illi tbati minn *mild learning disability* u *exhibitionism*:

***"He has a deeply ingrained impulsive streak whereby he is not immediately aware of the consequences of his actions. This by no means implies a severe mental illness as confirmed by the fact that he felt guilty for***

***what he did. Despite his limited mental abilities, he does have capacity and can undertake the responsibilities and consequences for his actions."*** (ara fol.124)

u jidher illi ghandu bzonn il-kura illi l-istess psikjatra jindika fix-xhieda tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi u fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Tyrone Fava,** hati skond l-akkuza, b'assorbiment ai fini ta' piena tat-tieni (2), it-tielet (3) akkuza fl-ewwel (1) akkuza, u wara li rat Artikoli 18, 28A, 28G, 203, 203A, 209, 251A, 382A, 412C u 17 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin.**

In oltre', tqieghed l-imputat Tyrone Fava **taht Supervision Suspended Order ghal perijodu ta' tlett (3) snin** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Di piu', l-Qorti tqieghed lill-imputat **taht Treatement Order** taht il-psikjatra Dr. Mark Xuereb, liema Treatement Order ghandha tibqa ssehh ghal tmintax (18)-il xahar, b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu zewg *sessions* ta' terapija kull xahar, liema ***Treatement Plan*** qed tithalla f'idejn l-istess psikjatra Dr. Mark Xuereb M.D.

Il-Qorti tordna l-hrug ta' **Protection Order kontra l-imputat ghal perijodu ta' tlett (3) snin** favur il-minuri, kwerelanti u l-familjari kollha ta' l-istess kwerelanti f'dan il-kaz ghal protezzjoni taghhom. Il-Qorti, permezz ta' din l-Ordni, tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina ir-residenza tal-minuri u kwerelanti, u tiprojbixxih milli jkellem jew jimmolesta b'kwalunkwe mod iehor lil persuni kollha illi jaqghu taht il-protezzjoni ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services u lil Psikjatra Dr. Mark Xuereb M.D. MRCPsych (UK), MCEM (UK), MMCFD, ALS, ATLS.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------